# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**10/17**

**Minuti ta' l-ewwel parti ta' l-għaxar laqgħa tas-sbatax il-sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju 2010.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph M. Formosa | - | Aġent Segretarju |
| Skużati: | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |

**<u>AĠENDA</u>**

1. Talba
2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-30 ta' Ġunju 2010)
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti (Approvazzjoni)
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata
   a) Ġieħ Santa Venera
   b) Fiera tal-Għasel
8. Aġġornament

**1.0 <u>Item 1: Talba</u>**

**1.1** Il-Laqgħa bdiet fis-6.20 p.m. u nfethet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti.

**1.2** Hawnhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjuri Carmel Camilleri u Edwin Formosa bagħtu jinfurmaw li kienu se jkunu skużati għal din il-laqgħa.

**2.0 <u>Item 2: Qari u approvazjoni tal-minuti (30 ta' Ġunju, 2010)</u>**

**2.1** Il-minuti tat-30 ta' Ġunju, 2010 li kienu ċirkulati lill-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ttieħdu

bħala moqrija u ġew approvati kif ikkoreġuti nem con.

**2.2** Minuta 4.2: Jitneħħew sbatax –il kelma u b'hekk l-aħħar sentenza ta' din il-minuta tkun taqra hekk: Il-Kunsill qabel li jittieħdu dawk il-passi possibli sabiex dawn il-fondi ta' Lm50,000 (€116,500) ikunu għad-dispożizzjoni unikament ta' Santa Venera.

**3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajmu mill-minuti (minuti ta' 30 ta' Ġunju, 2010)</u>**

**3.1** Dwar il-minuta 3.2 (dwar crash barriers) is-Sur Stephen Sultana irrimarka illi huwa kien oġġezjona għal-barrier li kien hemm iżda huwa jaqbel li dawn il-crash barriers issiru għas-spejjes ta' Transport Malta (TM). Is-Sur Stephen Sultana qal li Transport Malta (TM) hija responsabbli dwar l-immaniġjar tat-traffiku u mhux li tindaħal f'affarijiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi peress li dawn il-crash barriers li ġew approvati żmien ilu u li għadhom ta' neċessita' u ta' importanza kemm għar-residenti kif ukoll tal-pedestrians li jagħmlu użu minn dawn l-inħawi, dawn il-barriers għandhom jerġgħu isiru peress li joħolqu sigurta' meħtieġa u jnaqqsu r-riskju ta' inċidenti li jistgħu jkunu fatali. Il-Kunsill qabel li dan il-punt jiġi trattat mal-Avukat tal-Kunsill.

Is-Sur Horace Anastasi qal illi filwaqt li l-Kunsill għandu dejjem jaġixxi skont il-liġi għandu wkoll juri disapprovazzjoni tiegħu meta ma jiġiex ikkonsultat kif jixraq dwar affarijiet li jolqtu lill-Kunsill jew dak li jolqtu lir-residenti ta' Santa Venera.

**3.2** Dwar il-minuta 3.6 is-Sur Stephen Sultana staqsa lis-Sindku jekk il-wardens bin-numru 418 u 562 għadhomx joperaw f'Santa Venera.

Is-Sindku wieġbet li l-wardens bin-numru 418 u 562 m'għadhomx joperaw f'Santa Venera.

Dwar il-minuta 3.6 is-Sindku spjegat illi f'din il-minuta ma kienx hemm ebda referenza li s-Sur Horace Anastasi naqas b'xi mod fid-doveri tiegħu fil-Kumitat Konġunt.

**3.3 Dwar minuta 4.2, Bieb Fleur de Lys – Santa Venera**

Il-Kunsill qabel li bla dubju dan il-bieb jinsab fil-konfini ta' Santa Venera u għalhekk dawk il-fondi
disponibbli għandhom jgħaddu għand il-Kunsill ta' Santa Venera.

Il-Kunsill ġie nfurmat li c-Chairman tal-MEPA, is-Sur Austin Walker qal liż-żewġ Kunsilli kemm dak ta' Santa Venera kif ukoll dak ta' Birkirkara kienu għamlu applikazzjoni dwar dan il-bini ta' bieb Fleur De Lys ġewwa Santa Venera u li għandhom jaqblu li dan il-proġett isir.

Il-Kunsill qabel li juri l-approvazzjoni tiegħu li dan il-bieb jinbena fuq ir-roundabout faċċata tal-akwidott u li dan isir bil-fondi li poġġew disponibbli mill-Bank of Valletta PLC għand il-MEPA iżda b'konsultazzjoni diretta f'kull stadju mall-Kunsill Lokali Santa Venera.

Il-Kunsill qabel li jsir dak il-ftehim meħtieġ dwar it-twettieq ta' dan il-proġett. Is-Sur Horace Anastasi rrakomanda biex il-Kunsill ikollu d-devoluzzjoni tar-rowndebout. Kien hemm qbil unanimament li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjonijiet b'mod urġenti.

**3.4 Dwar minuta 4.3, Proġett ta' appartamenti mill-familja Portanier**

Il-Kunsill qabel li għall-laqgħa pubblika tal-MEPA dwar l-approvazzjoni jew rifjut ta' dan il-proġett għandha tattendi s-Sindku u tassigura li l-interessi tar-residenti ta' Santa Venera, speċjalment dawk li sejrin jintlaqtu b'dan il-proġett jiġu mħarsa.

Il-Kunsill qabel li meta l-Kunsill ikun infurmat b'xi proġett ta' żvilupp ġewwa Santa Venera dan għandu jiġi quddiem il-Kunsill u jiġi segwit sabiex f'kull stadju l-Kunsill ikun jista' jagħmel ir-rappreżentazzjoni tiegħu u jassigura li l-interessi kemm tal-Kunsill kif ukoll dawk tar-residenti jiġu mħarsa.
Il-Kunsill qabel li għandu jsegwi kull tip ta' xogħol kemm tal-Water Services Corporation u xogħol ta' żviluppaturi ġewwa Santa Venera sabiex il-garanzija jew bid-bond jintużaw sewwa għall-xi ħsarat li jsiru fit-toroq u b'hekk il-finanzi tal-Kunsill isservu aħjar għal xogħolijiet oħra.

**3.5 Dwar minuta 4.2, Proġett ta' funtana fuq ir-roundabout faċċata tal-akwidott.**

Il-Kunsill qabel li, sakemm ikun possibli dwar l-istatt ta' devoluzzjoni tar-roundabout, faċċata tal-akwidott jidħol fi ftehim mad-ditta Alberta, Sur G. Barbaro Sant, sabiex jagħmel u jinstalla l-funtana fuq din ir-rounabout mingħajr ebda spiża għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dwar dan ikun jista' jawtorizza lil-Alberta tagħmel xi forma ta' riklam li jkun jirrispetta l-ambjent u li jrid ikollu l-approvazzjoni meħtieġa mingħand l-awtoritajiet kompetenti. L-ebda arranġament ma jista' isir qabel din ir-roundabout tiġi dovuta għand il-Kunsill.

**3.6 Dwar minuta 8.1, Atti ta' Vandaliżmu**

Is-Sindku spjegat li għamlet talba lill-kunvent San Ġużepp dwar Community Work meħtieġ sabiex b'hekk dawk iż-żgħażagħ li għamlu att ta' bluha u ikkawżaw vandaliżmu jħalsu għan-nuqqas tagħhom b'mod serju u oġġettiv.
Il-Kunsill qabel li għandu jsir update rapport tal-atti ta' vandaliżmu li seħħew ġewwa Santa Venera sabiex b'hekk il-Kunsill ikun infurmat dwar il-passi li ttieħdu u dwar dak ix-xogħol meħtieġ li għadd għandu jsir u finanzjarjament ta' spiża meħtieġa.
Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol ta' tindif fil-Ġnien Romeo Romano u li jitneħħew affarijiet li jistgħu joħolqu periklu għal min iżur dan il-Ġnien.

**3.7 Dwar minuta 8.3, Ittra tas-Sur Lawrence Azzopardi**

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Lawrence Azzopardi li hu ma kienx għadu interessat fil-ħatra ta' Segretarju Eżekkuttiv għal Santa Venera.
F'dan l-istadju s-Sur Horace Anastasi qal li eks Segretarju Ezekkuttiv ma mexiex kif kellu jimxi meta ħalla l-post tiegħu mingħajr ma ta' hand over xierqa lis-suċċessur tiegħu u dwar dan il-Kunsill għandu jikteb kemm l-uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jingħata gwida dwar kif għandu jimxi dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekkuttiv issa li dak li ġie magħżul irriżenja minn din il-ħatra.
Il-Kunsill qabel li l-Aġent Segretarju Eżekkuttiv jagħmel dak kollu possibli sabiex jikseb xi forma ta' handover sabiex ikun jista' jmexxi l-amministrazzjoni mingħajr diffikulta'.

**3.8 Dwar minuta 8.2, Rendikont Dwar il-Fiera tal-Artiġjanat**

Il-Kunsillier Stephen Sultana talab lis-Sindku sabiex tippreżenta statement ta' dħul u ħruġ ta' flus dwar din l-attivita' li saret fil-Ġnien Romeo Romano għaliex fil-fehma tiegħu l-Kunsill ma kellux joħorġu flus dwar din l-attivita.

**4. Korrispondenza**

**4.1 Ftehim ta' PPP dwar it-toroq ġewwa Santa Venera**

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel, li peress li hemm ħafna mistoqsijiet mhux imwieġba u dawn li jinfluwenzaw kemm il-finanzjament tax-xogħolijiet kif ukoll it-toroq magħżula, għandha issir laqgħa speċifika tal-Kunsill dwar dan il-proġett qabel ikun hemm deċiżjoni finali.

**5.0 Skeda ta' pagmenti (Approvazzjoni)**

**5.1** Il-Kunsill għamel referenza għal skeda tal-pagamenti ta' bejn is-16 u t-30 ta' Ġunju, 2010, u qabel li jżomm il-pagamenti dwar PV 251, 252, 253, 254 u 255 u jħallas il-pagamenti l-oħra kif indikat fuq l-istess skeda.
Il-Kunsill ikkonsidra l-iskeda mill-1 sa 27 ta' Lulju, 2010 u qabel li l-ammont kif indikat PV 278 Central Asphalt Ltd jinżel għal €10953.92 u għalhekk it-total għandu jinżel għal €38719.19.

F'dan l-istadju s-Sindku spjegat li qed isiru preparamenti sabiex jiġu ppreżentati dokumenti meħtieġa sabiex il-Kunsill jirċievi l-fondi li ġew imwiegħda dwar xogħolijiet li saru għaż – żjara riċenti tal-Papa Beneditt XVI.
F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jipposponi l-aġenda u jmur għall-aġġornament peress li kien qed Jagħafas il-ħin stipulat.

**8.0 Aġġornament:**

**8.1 Triq l-Għollieq**
Is-Sur Cleaven Bugeja talab li l-iskip li hemm fi Triq l-Għollieq tersaq fi Triq l-Għollieq k/m Triq l-Istitut Bonnici. Il-Kunsill qabel li jagħmel dak kollu possibli sabiex ir-residenti jinqdew aħjar.

**8.2 Niċċa ta' Triq il-Kanun, Santa Venera**
Is-Sur Stephen Sultana talab lill-Kunsill jikkonsidra t-talba tas-Sur Gorg Borg li jieħu ħsieb din In-niċċa sabiex il-Kunsill jidħol għall-spiża tal-meter tad-dawl u hu jibqa' jħallas il-konsum.
Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tad-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi assigurat li jekk u meta l-Kunsill jilqa' din it-talba ikun konformi tar-Regolamenti Finanzjarji dwar il-Kunsilli Lokali

**8.3 Talba għal-promozzjoni skala 11 – Ms. Denise Cutajar**
Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tad-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali dwar dan qabel jieħu deċiżjoni.

**8.4 Sleeping Policeman, Triq San Ġorġ**
Il-Kunsill qabel li jitlob l-permess ta' TM dwar din is-sleeping policeman li jservi sabiex jikkalma t-traffiku f'din it-Triq.

**8.5 Kaffetterija fi Triq il-Kappillan Mifsud**
Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tas-sid tal-kaffetterija fi Triq il-Kappillan Mifsud sabiex ma jkomplux joħorġu l-iskart mis-Sibt u lanqas jiżgumbra l-bankina bil-banketti tal-ħanut.
Il-Kunsill qabel li dan l-inkonvenjent dwar l-okkupazzjoni tal-bankina għandu jiġi wkoll rrapurtat lill-Puluzija sabiex l-inkonvenjent preżenti jispiċċa.

**8.6 Reklami ta' Chateau D'Ax**
Il-Kunsill qabel li jikkonsidra l-Bye Law meħtieġa anke dik eżistenti sabiex jiġi assikurat li l-kumpanija li tmexxi dan l-istabbiliment ma tiksirx il-liġi u li l-Kunsill ikun jista' jirċievi l-flus skont it-tariffa stabilita.

.

**8.7 Sinjali tat-traffiku stabiliti fi Triq Salvinu Spiteri**

Dwar dak li ġara qrib il-fond 20, 21 fi Triq Salvinu Spiteri l-Kunsill għandu jerġa' jiżboh dawn is-sinjali bojod.
Il-Kunsill qabel li l-Works Managers jagħmlu rapporti regolari lill-Kunsill dwar dak li jkun qed isir u li jindikaw speċjalment dwar is-sinjali tat-traffiku li jew jinbiddlu jew jitħassru mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Għeluq**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Erbgħa 4 ta' Awissu, 2010 fis-6.00pm għat-tkomplija ta' dawk l-affarijiet indikati fl-aġenda (items 4, 6, 7) u li ma ġewx ittratti waqt din l-ewwel parti tal-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Elizabeth Vella |
| Aġent Segretarju | Sindku |

Ikkonfermati ________________